MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru. 821/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Anthony Muscat**

**Illum, 27 ta’ Lujlu 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Anthony Muscat ta’ 61 sena, bin Paul u il-mejta Adelina nee’ Bartolo, imwieled San Giljan fis- 17 ta’ Lulju 1948, u li joqghod f’ Numru 17, Delton, Triq San Anard, San Gwann u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 605748M.

Akkuzat talli:

(a) talli f’ Marzu 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, ikorrompew ufficcjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, dan l-ufficjal fid-Departiment tal-VAT naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

(b) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, talab, irceva, jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, dawn b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igigeghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

(d) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, sabiex jinkiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

(e) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienu jafu li ma kienux korrett jew qarrieqi f’xi rigward materjali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
(1) 18, 120 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(2) 18 u 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(3) 18, 42, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(4) 42 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(5) 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
(6) 17, 18, 23B, 31, 42, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa registrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[1] bin-numru ta' registrazzjoni 1249 3336; xogholu huwa fuq "*il-bahar bil-boat tat-turisti*"[2].

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-denunzji tal-VAT dovuta mill-imputat mill-perjodu ta' taxxa li ntemm fil-31 ta' Awissu 2003 sal-perjodu ta' taxxa li ntemm fil-31 ta' Dicembru 2009 kollha gew prezentati lid-Dipartiment koncernat. Kopja ta' dawn id-denunzji hija prezentata in atti[3]; minn ezami taghhom (u tad-dokumenti l-ohra esebieti) jirrizultaw diversi fatti. Hafna mid-denunzji dovuta sal-perjodu ta' taxxa li ntemm fil-31 ta' Dicembru 2006 intbaghtu wara z-zmien prefiss mill-Ligi.

Illi d-denunzji kollha ta' l-imputat (li huma esebieti in atti) huma jew *nill returns* jew jindikaw hlas dovut ta' xi ammont ta' taxxa; fejn kien hemm hlas dovut l-ammont ma kienx konsiderevoli. In oltre d-denunzji kienu juru spejjez u nfiq kompatibbli mad-dhul (dan anke tenut kont ta' l-attivita ekonomika ta' l-imputat). Minkejja li l-ammonti ta' taxxa dovuta minnu dikjarati ma kienux ammonti kbar l-imputat ma kienx jaghmel il-hlas dovut; l-ahhar darba li l-imputat hallas xi taxxa minnu dovuta kien f'Dicembru tas-sena 2003 u minn dak in-nhar qatt ma rega' hallas. Dan ifisser li l-imputat kien qed jirrinkorri penali fejn id-denunzji kienu *nill returns* u gew prezentati tard, u penali u imghaxx fejn id-denunzji kienu juru taxxa dovuta lid-Dipartiment. Kif diga ntqal l-imputat la hallas it-taxxa dikjarata minnu stess u lanqas ma hallas l-imghaxxijiet u l-penali li kienu qed jakkumulaw.

Illi mid-denunzji esebieti bhala Dok JH2 hemm wahda li tispikka; din hija d-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Dicembru 2006 sal-31 ta' Dicembru 2006[4]. Dan ghaliex b'kuntrast qawwi mal-*pattern* li kien stabbilit tul is-snin din id-denunzja kienet turi infiq kapitali sostanzjali. Dan l-infiq kapitali, skond il-konteggi f'din id-denunzja, wassal biex gie dikjarat kreditu ta' Lm6,766.95 ekwivalenti ghal

[1] Minn hawn aktar 'l isfel imsejha "id-Dipartiment" jew "VAT" skond il-kaz.
[2] Ref depozizzjoni a fol 637.
[3] Ref Dok JH2 a fol 251.
[4] Ref denunzja a fol 266.

€15,762.75 favur l-imputat. Minbarra l-kontenut taghha dak li jispikka ukoll f'din id-denunzja huwa l-fatt li giet redatta u iffirmata minn persuna differenti minn dik li kienet timla u tiffirma d-denunzji l-ohrajn kollha.

Illi ghandu jigi rilevat li ghal dan l-istess perjodu ta' taxxa id-denunzja giet prezentata darbtejn; darba fis-27 ta' Gunju 2008 u t-tieni darba fil-15 ta' Lulju 2008 (dawn iz-zewg denunzji originali huma esebieti bhala Dok IJ3 u Dok IJ4 rispettivament[5]). Jidher li dawn iz-zewg denunzji gew redatti u iffirmati mill-istess persuna; u t-tnejn jindikaw kreditu favur l-imputat, ghalkemm il-kreditu indikat fit-tieni denunzja huwa ferm anqas minn dak indikat f'l-ewwel wahda. Ix-xhud Joanne Hefney, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-VAT, spjegat li sa kemm ma jkunx hemm talba specifika da parti tal-persuna registrata biex denunzja gia prezentata tigi emendata permezz ta' denunzja ohra d-Dipartiment joqghod fuq dik li tintbaght l-ewwel u t-tieni wahda tigi injorata.

Illi din l-istess xhud kompliet tispjega fid-depozizzjoni taghha li l-ammont ta' kreditu indikat f'denunzja ma jithallasx permezz ta' cheque meta jkun hemm bilanci pendenti favur id-Dipartiment ghaliex dak il-kreditu jintuza biex jinqatghu dawk id-debieti pre-ezistenti. Hekk gara fil-kaz ta' l-imputat. Fil-fatt mill-istatements esebieti[6] jidher li sa' Gunju 2008 l-ammont dovut lid-Dipartiment kien ta' €18,329.50 fil-waqt li f'Lulju 2006 l-ammont dovut lid-Dipartiment niezel ghal €2,900.36.

Illi mid-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur jidher li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma bazati fuq dawn iz-zewg denunzji.

Illi l-imputat min-naha tieghu, li ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, mhux biss jinnega kwalunkwe illegalita da parti tieghu imma sahansitra jghid li hu ma jaf xejn dwar dawn id-denunzji in kwistjoni. L-imputat mhux qed jikkontesta l-fatt li l-infiq kapitali indikat fid-denunzja

---

[5] Esebieti a fol 24 u 25.
[6] Dok JH1 a fol 48.

fuq imsemmija mhux reali, hekk kif mhux qed jikkontesta l-fatt li l-kreditu rizultanti lanqas m'hu dovut.

Illi fil-fatt fid-depozizzjoni tieghu l-imputat jghid li dwar dawk iz-zewg denunzji ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Dicembru 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003 ma jaf xejn. Jghid ukoll li hu kien iqabbad accountant peress li ma tantx jaf jikteb u jaqra u li kien l-accountant li kien jimla d-denunzji tal-VAT; hu, cioe l-imputat, pero kien jiffirmahom. L-accountant koncernat, certu Charles Scerri, xehed u kkonferma li l-imputat kien jinkarigah biex, inter alia, johodlu hsieb id-denunzji tal-VAT. Scerri kkonferma ukoll li z-zewg denunzji ghall-istess perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Dicembru 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003 ma kienx hu li ha hsiebhom.

Illi l-imputat jghid affarijiet ohra fid-depozizzjoni tieghu. Hu ammetta li kien jaf lil certu Alfred Mallia[7] u li ma' dan Alfred Mallia ltaqa' darba biss ghalkemm ikkomunikaw bit-telephone xi drabi ohra; jammetti ukoll li semma' ma' dan Mallia li kellu xi problemi dwar VAT fis-sens li kellu kontijiet dejjem gejjin u li kien f'diskussjonijiet mad-Dipartiment biex jipprova jasal ghal xi arrangament dwar pagamenti rateali, pero l-imputat jinnega li hu dahal f'xi ftehiem ma' dan Mallia biex dan jirrangalu u li hlif dik id-darba qatt ma regghu tkellmu fua VAT.

Illi pero l-Qorti difficilment tista' taghti kredibilita lill-imputat partikolarment meta jghid li hu ma kien jaf xejn dwar id-denunzji ta' Dicembru 2006. U dan mhux biss wara li kellha l-opportunita tara u tisma' lill-imputat jaghti d-dspoizzjoni tieghu imma anke tenut kont ta' l-assjem tal-provi prodotti.

Illi l-imputat jghid li hu kien jghaddi l-karti kollha tal-VAT lill-accountant u li kien l-accountant li kien jiehu hsiebhom. Huwa car pero li d-denunzja ta' Dicembru 2006 l-imputat m'ghaddihiex lill-accountant biex timtela minnu bhas-soltu u tintbaghat lid-Dipartiment bhas-soltu. Huwa car li dan ma sar ghaliex kieku ghand id-Dipartiment kien ikun

[7] Kontra Alfred Mallia hemm proceduri pendenti b'konnessjoni ukoll mal-fatti tal-kaz odjern.

hemm ukoll d-denunzja ghal dan il-perjodu redatta mill-accountant minbarra z-zewg denunzji l-ohra u li huma esebieti in atti. Hija haga stramba hafna kif tul is-snin l-imputat inkariga lill-accountant biex jimla kull denunzja tal-VAT pero ma nkarigahx ukoll fir-rigward tad-denunzja ta' Dicembru 2006. Hija haga stramba ukoll kif kellha tkun propju din l-unika denunzja li l-imputat m'afdax f'idejn l-accountant tieghu li turi kreditu inezistenti ta' ftit anqas minn €16,000 liema ammont huwa komparabbli ma' l-ammonti li kienu dovuta mill-imputat lid-Dipartiment[8] f'dak il-perjodu.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan il-kwadru ta' fatti jista jwassal ghal-konkluzzjoni wahda biss u cioe li l-imputat ma nkarigax lill-accountant biex jimla din id-denunzja propju ghaliex kien wasal ghal xi arrangament ma' terzi persuni ghal dan il-ghan b'mod li d-denunzja sottomessa tibbilancja hafna mill-ammonti minnu dovut lid-Dipartiment tal-VAT.

Ikkunsidrat

Illi a skans ta' ekwivoci l-Qorti thoss li f'dan l-istadju ghandha tissottolinea li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f'dan il-process. Dak li jista' jirrizulta f'proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita f'korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku.

Illi biex jissussisti dan ir-reat iridu jigu pruvati erba' elementi bazici:

---

[8] Ezami ta'l-istatements esebieti bhala Dok JH1 juri li l-ammont dovut mill-imputat f'dak il-perjodu kienu jvarjaw bejn €17,000 u €19,000.

1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna li ser tigi korrotta;
2. li dik il-persuna rcieviet jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skond il-Ligi;
3. li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u
4. li dan sar b'l-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha[9].

Illi il-prosekuzzjoni qed tikkotendi li Alfred Mallia offra l-ghajnuna tieghu lill-imputat fil-problemi li kellu mad-Dipartiment tal-VAT; il-prosekuzzjoni hekk qed tikkontendi minhabba li hekk allega dan Alfred Mallia meta hu kien qed jigi investigat. Pero dak li qal Alfred Mallia lill-pulizija meta hu kien qed jigi investigat ma jistax jingieb bhala prova kontra l-imputat. Fil-verita l-prosekuzzjoni sejjhet lil dan Alfred Mallia bhala xhud pero hu, kif kellu dritt jaghmel, ghazel li ma jixhidx. Ghalhekk kwalunkwe haga li hu seta' qal lill-pulizija fil-konfront ta'l-imputat ma tistax tigi accettata bhala prova.

Illi l-prosekuzzjoni qed tikkontendi ukoll li l-firma fuq iz-zewg d-denunzji ta' Dicembru 2006 (Dok IJ3 u Dok IJ4) hija ta' Nigel Abela u li dan Nigel Abela huwa ufficjal pubbliku. Pero mill-provi prodotti la gie stabbilit min hu Nigel Abela, la saret il-prova li dawk il-firem huma ta' xi hadd li jismu Nigel Abela, hekk kif ma ngibitx il-prova li dan Nigel Abela huwa ufficjal jew impjegat pubbliku. Fil-verita lanqas ma ngabet xi prova kwalunkwe li turi li saret xi weghda jew offerta lil dan Nigel Abela (jew xi ufficjal pubbliku iehor) minghand Alfred Mallia, mill-imputat jew xi hadd iehor ghan-nom ta' l-imputat.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li gew pruvati l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat predispost f'l-artikolu 115 u jew l-artikolu 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsdrat

---
[9] Ref Pulizija vs Alfred Demicoli Appell Kriminali deciz 02.05.1985.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija 'l hekk immsejjha *trading in influence* cioe r-reat komtemplat f'l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif gie stabbilit f'gurisprudenza ricenti

*Minn ezami ta' l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija f'l-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwixxi kif jiddeciedi C, sija jekk dan il-vantagg ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor prezumibbilment D*.

*Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fissubartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C.*

*Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.*

*Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi f'l-artitolu 121A(2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C, ossia terza*

*persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu.*[10]

Illi l-Avukat Generali kwota l-artikolu 121A minghajr m'ghamel referenza ghal xi subartikolu minnhom. Huwa car mic-cirkostanzi tal-kaz in ezami li r-reat ipotezzat fit-tieni subartikolu ma jissussistiex ghaliex kif fuq spjegat dan is-subartikolu jirreferi ghal sitwazzjoni fejn l-imputat ikun qed jasserixxi li ghandu xi influwenza fuq xi ufficjal pubbliku u li jkun hu li jkun talab, ircieva jew accetta xi vantagg mhux xieraq[11].

Illi skond l-ewwel subartikolu ta'l-artikolu 121A fuq kwotat dak li kellu jigi ppruvat fil-kaz in ezami huwa li l-imputat, A, wieghed, ta jew offra xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, B, biex din tinfluwixxi l-mod kif ser jiddeciedi C. Ai termini tad-dispozizzjoni in ezami C irid ikun jew ufficjal jew impjegat pubbliku jew xi persuna ohra imsemmija f'l-artikoli 112 sa' 120 tal-Kapitolu 9. Il-prosekuzzjoni fil-fatt qed tikkontendi li l-imputat offra xi vantagg lil Alfred Mallia biex dan jesercita xi influenza fuq Nigel Abela.

Illi pero ghall-istess ragunijiet elenkati fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni din l-allegazzjoni ma gietx pruvata. F'l-ewwel lok minkejja dak li tallega l-prosekuzzjoni m'hemm l-ebda indikazzjoni li tirrizulta mill-provi akkwiziti f'dan il-process li l-imputat offra xi haga jew wieghed xi haga lil Alfred Mallia, jew lil xi hadd iehor; hekk kif ma giex pruvat li, minhabba xi weghda li seta' ghamel l-imputat, Alfred Mallia, jew xi persuna ohra li seta kellu kuntatt mieghu l-imputat, prova jinfluwixxi l-mod kif kellu jiddeciedi xi ufficjal pubbliku. Konsegwentement din it-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

---

[10] Ref Republika ta' Malta vs Dr Noel Arrigo Qorti Kriminali deciza 13.06.2006

[11] Ghandu jigi irlevat ukoll li fic-citazzjoni hemm kwotat it-tieni subartikolu ta'l-artiklu 121A pero la darba l-Avukat Generali ghamel referenza ghall-artikolu 121A kollu u la draba l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni u tiddecidi fuq l-artikoli kwotati mill-Avukat Generali, li f'dan il-kaz allura jinkludu ukoll l-ewwel subartikolu ta'l-artikolu 121A, il-Qort trid tiehu in konsiderazzjoni anke r-reat ipotezzat taht l-ewwel subartikolu.

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita fi truffa a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato … Nella truffa … l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*(1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
*(2) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
(3) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[12]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li*

[12] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354

*taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata*.[13]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata[14] irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata[15].*

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[16]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[17]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole,*

---

[13] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.
[14] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[15] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[16] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[17] Op cit pagna 356

*destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Dan l-awtur pero jkompli jghid li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[18].

Illi fir-rigward ta' din it-tielet imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li permezz ta' dik id-denunzja ghall-perjodu ta' Dicembru 2006 l-imputat kien qed jikkrea kreditu immaginarju ta' ftit anqas minn €16,000 li permezz tieghu ghamel qliegh a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi jirrizulta mid-depozizzjoni ta'l-accountant Charles Scerri li l-figuri li jidhru fuq id-denunzja imsemmija ma kienux reali, b'mod partikolari ghall-infiq kapitali. La darba ka kienx hemm infiq kapitali lanqas kellu jkun hemm kreditu ta' taxxa favur l-imputat.

Illi dan il-kreditu immaginarju intuza kollu mid-Dipartiment biex ipacu debieti antiki ta'l-imputat b'mod li d-Dipartiment tal-VAT, u allura l-Gvern ta' Malta, ghamel telf patrimonjali fis-somma ta' €15,762.75 cioe l-ammont ta' kreditu immaginarju dikjarat fid-denunzja in ezami.

Illi minn kien l-awtur ta' dik id-denunzja ma giex pruvat pero kif diga ntqal aktar 'l fuq din il-Qorti hija konvinta li l-imputat kien jaf li kienet ser tigi prezentata denunzja ghall-perjodu ta' Dicembru 2006 minn xi terz a nom tieghu ghaliex altrimenti huwa kien, kif ghamel tul is-snin (kemm qabel kif ukoll wara Dicembru 2006), ghall-kull perjodu ta' taxxa, jinkariga lill-accountant biex jipprezenta din id-denunzja ukoll.

[18] Op cit pagna 357

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija sodisfatta li din it-tielet imputazzjoni hija pruvata.

Illi r-raba u l-hames imputazzjoni jirreferu ghall-falsifikazzjoni; l-ewwel wahda ai termini ta'l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 u l-ohra ai termini ta'l-artikolu 77 tal-Kapitolu 406.

Illi dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Ligi jikkomtemplaw 'l hekk imsejjah falz ideologiku.

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat f'l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[19]

Illi mill-provi akkwiziti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li d-denunzja ghal perjodu Dicembru 2006 (b'mod partikolari dik prezentata lid-Dipartiment fis-27 ta' Gunju 2008, Dok IJ3, pero anke dik prezentata fil-15 ta' Lulju 2006, Dok IJ4) taghti informazzjoni falza fis-sens li *non e veridico perche colui che lo ho formato gli fi dire cose contrario al vero*. Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li dan id-dokument kien mahsub ghal xi awtorita pubblika, id-Dipartiment tal-VAT, u lanqas hemm dubbju li permezz tad-denunzja in ezami l-imputat kien ser jikseb vantagg ghalih.

Illi dwar l-element tax-xjenza, ghalkemm jirrizulta li d-dokumenti (cioe d-denunzji) inkitbu minn hadd iehor, kif diga ntqal mill-provi prodotti inkluz dawk indizjarji l-Qorti hija konvinta li l-imputat kien jaf li dawk id-denunzji ser jigu

---

[19] Ref Pulizija vs Paul Galea Appell Kriminali deciz 17.10.1997.

prezentati b'mod li jindikaw kreditu immaginarju ghalhekk dan l-elment jirrizulta ukoll.

Illi ghandu jigi rilevat li fil-waqt li ghal dak li jirrigwarda r-raba imputazzjoni (falsifikazzjoni ai termini ta'l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9) l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ghamel referenza ukoll ghall-artikolu 42, cioe dak li jirregola l-komplicita m'ghamilx referenza ghal dan l-artikolu ukoll b'referenza ghal-hames imputazzjoni u cioe dik ai termini ta'l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406.

Illi mis-suespost huwa car li l-partecipazzjoni ta'l-imputat kienet bhala komplici fiz-zewg reati; ghahekk kemm il-hames kif ukoll ir-raba imputazzjoni jirrizultaw sodisfacjentement pruvati b'dan li fiz-zewg reati l-imputat kien komplici.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-ammonti involuti kif ukoll il-fedina penali ta' l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll li l-imputat ma ha l-ebda inizjattiva ta' xejn biex jirrimedja s-sitwazzjoni tieghu mad-Dipartiment jew biex jidhol f'xi arrangement biex l-ammonti li kienu dovuta minnu qabel ma saret it-tpaccija, a bazi tal-kreditu immaginarji indikat fid-denunzja in kwistjoni, jithallsu lid-Dipartiment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 42, 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu b'dan li huwa qed jinstab hati tal-hames imputazzjoni bhala komplici, u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23B(2) ta'l-istess Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal hlas ta' multa f'l-ammont ta' €15,762.75. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ukoll biex fi

zmien sena jhallas is-somma ta’ €1,542 rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta’ esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------